MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 455/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Galea talli nhar-is 27 ta' Gunju tas-sena 2010 ghall-habta tas-siegha u nofs u hamsa ta' filghodu bhala persuna li f'ismu ghandu l-licenzja ta' *substitute* tal-hanut tal-birra u xorb spirituz bl-isem ta' 'Havana' fil-parti maghrufa bhala 'Cabanas' li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, daqq jew ippermetta li tindaqq muzika b'kull mezz gewwa post kummercjali li huwa licenzjat biex idoqq muzika amplifikata b'tali mod li l-

muzika baqghet tinstema’ minn barra wara s-siegha ta’ filghodu (1:00hrs);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Galea hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat ir-regolamenti 38(2)(a)(d) u 53 ta’ l-Avviz Legali 1/2006 u l-artikolu 29 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ammenda ta’ mija u sbatax-il euro (€117.00);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Galea pprezentat fis-26 ta’ Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-ligi. Jghid li s-Supt. Gatt xehed li ma setax jikkonferma jekk dakinhar kellimx lill-appellant. Anzi qal li hafna drabi fl-istabbiliment Havana, meta jsaqsi lill-persuni li jkunu mal-bieb min hu responsabbli mill-istabbiliment, jispicca jkellem persuna ta’ sess femminili bl-isem ta’ Margaret. L-appellant ghandu licenzja ta’ *substitute* u mhuwiex id-detentur tal-licenzja. B’hekk, jghid l-appellant, ir-responsabbilta` tieghu u r-reita` f’kaz ta’ nuqqa ta’ tharis tal-kundizzjonijiet tal-licenzja, temani meta jkun qieghed jaqdi l-funzjonijiet tieghu bhala *substitute*. Skond l-appellant, filwaqt illi l-ligi timponi responsabbiltajiet fuq id-detentur tal-licenzja anke jekk mhux fizikament prezenti, dan mhux il-kaz fir-rigward tas-*substitute*.

Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-appellant huwa *substitute*. Mix-xiehda tas-Supt. Stephen Gatt ma jirrizultax li fil-gurnata in kwistjoni huwa kellem jew sab lill-appellant fil-fond imsemmi. Fi ftit kliem m’hemm l-ebda prova li l-appellant “daqq jew ippermetta li tindaqq” muzika kontra l-ligi. Ghalhekk l-appell jimmerita akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u b’hekk tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u mill-piena nflitta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------